MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 438/2005

**IL-PULIZIJA**

**KONTRA**

**CHARLIE BRINCAT ta' 31 sena, iben il-mejjet Alfred u Eva nee' Grech, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16 ta' Novembru, 1980, residenti fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran, Hal-Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 68481M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Charlie Brincat** li gie akkuzat talli:

a. Nhar il-15 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas-7.00 ta' fil-ghaxija, fil-waqt illi kien fir-residenza matrimonjali tieghu, li tinsab fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran,

gewwa Hal-Tarxien, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Ritianne Brincat, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi hebb ghaliha permezz ta’ arma taqta’ u bil-ponta (sikkina), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fir-residenza matrimonjali tieghu, li tinsab fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran, gewwa Hal-Tarxien, volontarjament ikkawza, permezz ta’ oggett iebes (siggu), griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu Ritianne Brincact, skond kif iccertifikat minn Dr Martin Mallia MD (Warrant Mediku Nru 2799), mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fir-residenza matrimonjali tieghu, li tinsab fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran, Hal-Tarxien, u aktar tard gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, hedded lil martu Ritianne Brincat bil-kliem “B’din noqtlok.”, u “Noqtlok.”, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

e. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, offenda lill-pulizija li kienu xoghol bil-kliem “Issa zzabbu taqbduni a qatta liba.”;

f. U aktar talli fil-waqt illi kien qieghed jinzamm gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, harab mill-kustodja tal-pulizija;

g. U aktar talli garr fuqu armi jaqtghu u bil-ponta (skieken) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

h. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, fil-waqt illi kien fir-residenza matrimonjali tieghu li tinsab fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran, Hal-Tarxien, u aktar tard gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

i. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, fil-waqt illi kien fir-residenza matrimonjali tieghu, li tinsab fil-fond Flat 5, Blokk C, Triq l-Alfier De Medran, Hal-Tarxien, u aktar tard gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid, qal kliem oxxen, indicenti, u dagha bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

j. U aktar talli sar recidiv, liema sentenza saret definittiva u ma tista’ tithassar qatt.

Semghet lil Ritianne Camilleri, mart l-imputat, li xehdet dwar il-problema ta’ xorb li kellu zewgha, u li konsegwenza ta’ hekk hu kien isir vjolenti. Ghalhekk fil-gurnata ta’ l-incident de quo huma kienu rritornaw id-dar u zewgha kien qallha li kien sejjer jixtri s-sigaretti. Irritorna f’sakra kbira, qabad jghajjat u xehdet illi kien anke vjolenti. Ratu sejjer lejn il-kexxun tal-kcina, hemm qabad sikkina u gera warajha. Harbet u marret l-Ghassa ta’ Rahal Gdid. Xehdet illi gera warajha b’sikkina f’idu. Qabel dan kollu anke garalha siggu, u laqaghtha f’dahrha. Ta’ dan anke ezebiet certifikat mediku. Darba li waslet l-Ghassa, dahal warajha u sahansitra hawn beda jheddidha li kien ser joqtolha.
Aktar tard xehdet illi kien ha t-taghlima. Kien wara separazzjoni regghu rrangaw u li zewgha kien qieghed isegwi programm tas-Sedqa.

Xehed ghaldaqshekk PC 413 Joseph Incorvaja dwar il-fatt illi Ritienne Brincat marret l-Ghassa ta’ Rahal Gdid taghmel rapport li zewgha kien hebb ghaliha wara li kien dahal xurban. Irrapurtat illi anke qallha li kien ser joqtolha, u anke heddidha b’sikkina. Xehed ukoll dan il-Kuntistabbli li anke quddiemhom qallha “Hawn noqtlok.” (folio 37). Wara search fil-vettura ta’ l-imputat, instabu zewg skieken

– wahda minnhom deskritta mix-xhud li ghandha blade ta’ 20cm u l-ohra bi blade ta’ 12cm; kif ukoll instab turnavit. Il-karozza in kwistjoni kienet Fiat Regata CBB 564. Xehed ukoll illi l-imputat kien gie agitat hafna u kien jidher illi kien taht l-influwenza tax-xorb. Is-skieken u t-turnavit gew sussegwentement ezebiti bhala Dok JB u JB1 rispettivament.

Xehed certu Martin Xuereb, gar tal-konjugi Brincat, illi qal illi f’okkazjoni minnhom gabu t-tfal. Habbtulu l-bieb u hallew it-tfal ghandu. Qal illi sema’ ghajjat u storbju. Xehed illi dak il-hin ra lilha hierga tghajjat u telqet it-tfal quddiem il-bieb, u teqlet tigri ‘l isfel. Qaltlu biex izomm it-tfal (hi dejjem qed jirreferi ghall-mart l-imputat).

Minn naha tieghu PC 188 Joseph Cilia xehed dwar il-fatt illi Ritienne Brincat dahlet l-Ghassa fejn qalet illi zewgha kien garalha siggu, u anke gera warajha b’sikkina, anke heddidha li joqtolha. Xehed dan il-Kuntistabbli li ftit wara dahal l-Ghassa anke zewgha Charlie Brincat fejn qal li martu kienet ghamlet paroli d-dar. Xehed illi wara hareg mill-Ghassa jindirizza bi kliem baxx lill-pulizija. Telaq jigri. Grew warajh il-pulizija u qabduh fit-triq. Fil-karozza ta’ l-imputat Fiat Regata nstabet sikkina, anzi tnejn, u turnavit.
Xehed ukoll illi fl-Ghassa dan kien ghamel diskors arroganti lejn il-pulizija, u kellu harsa ta’ hdura lejn martu.

Minn naha taghha Lorraine Agius, co-coordinator minn naha tal-Men Services Domestic Violence Services, xehdet illi l-imputat kien lesta programm, pero ma kienx attenda s-support group. Lilha kien qallha li ried joqghod ma’ wliedu ghax martu kienet bdiet tahdem fil-ghaxija.

Gordon Cachia xehed fil-konfront tal-Agenzija Sedqa, Alcohol Community Team. Dak iz-zmien (2007) kien qal illi l-imputat kien qieghed jattendi meetings regolari. Kien anke qed jastjeni mix-xorb. Ma eskludiex pero la relapses u lanqas sitwazzjonijiet ta’ vjolenza. Xehed ukoill illi hu kien hareg anke mill-programm residenzjali. Xehed illi anke minn jeddu dahal Monte Carmeli.

Illi wara hafna zmien koncess lill-Prosekuzzjoni biex tressaq il-provi taghha, ingabet tixhed WPS 167 Justine Grech, li qalet illi l-imputat ma kellu ebda armi registrati fuq ismu fis-sistema tal-pulizija.

Snin wara l-bidu ta' din il-kawza, l-imputat assistit mill-Avukat Difensur tieghu, iddikkjara li wera x-xewqa li jirregistra ammissjoni. Hawn il-kawza thalliet ghall-provi tad-Difiza. Dawn il-provi qatt ma waslu, lanqas in-nota li kellha taghmel id-Difiza. Detto tutto cio', certament id-Difiza qatt ma hadet iz-zmien li hadet il-Prosekuzzjoni biex ressqet il-provi taghha.

Ikkunsidrat:

Illi verament ftit ghandha xi tghid din il-Qorti dwar ir-reati ta' aggressjoni li l-imputat idderiga lejn martu. Jirrizultaw dawn ben pruvati. Irrizulta l-attentat b'sikkina fuq martu li harbet mid-dar matrimonjali. Irrizultaw wkoll il-griehi hfief kagunati fuqha meta garalha siggu. Daqstant iehor irrizultaw il-kliem ta' theddid fil-konfront ta' martu, dan anke sahansitra fil-presenza tal-pulizija. Daqstant iehor irrizultat l-attitudni ferm negattiva ta' l-imputat f'Ghassa tal-Pulizija bi kliem degenerattiv indirizzat lejhom, li frankament ma kellux ghalfejn jigi prodott fl-akkuza. Daqstant imwaqqaf kompla bl-assalt lejn martu u harab mill-Ghassa, pero tqis li din l-akkuza ma gietx pruvata ghax minn imkien ma rrizulta li hu kien qieghed jigi mizmum hemm. Certament giet pruvata l-akkuza ta' garr ta' arma bla permess, daqstant li qal kliem oxxen u ndicenti.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi kollha, barra l-akkuza (f) li minnha qed tilliberah, wara li rat l-Artikoili 41, 214, 215, 216, 217, 221, 338, 339, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 17, u 31, ukoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda wkoll tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva, in kwantu qatt ma giet pruvata. Oltre hekk, kif

gia’ gie premess, l-imputat qatt ma rregistra b’mod car l-ammissjoni tieghu.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (stante n-nuqqas ta’ prova tar-recidiva), tqis illi l-piena idonea f’dan il-kaz, anke minhabba s-serjeta’ ta’ kazijiet koncernanti vjolenza domestika, li ghandu l-imputat jigi kkundannat ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospiza ghal tlitt snin, dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tqieghdu taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlitt snin, b’dan illi l-imputat ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija fis-sens illi jsegwi kull programm lilu ndikat kontra Vjolenza Domestika kif ukoll kontra l-abbuz tal-alcohol, b’dan illi jekk ikun lilu dirett anke li jaghmel programm residenzjali, anke jekk jinhass il-bzonn illi jsegwi kura psikjatrika u/jew psikologika.

Tordna wkoll il-konfiska tal-armi ezebiti li jgibu r-referenza numru KA21.2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------